VERŻJONI ELETTRONIKA

*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,569, 6 ta' Mejju, 2016*
*Taqsima A*

# MALTA

**ATT Nru XXII tal-2016**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex jemenda l-Att dwar l-Armi, Kap. 480.**

**ACT No. XXII of 2016**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to amend the Arms Act, Cap. 480.**

VERŻJONI ELETTRONIKA



Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

**MARIE-LOUISE COLEIRO PRECA**
**President**

6 ta' Mejju, 2016

## ATT Nru XXII tal-2016

*ATT biex jemenda l-Att dwar l-Armi, Kap. 480.*

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

**1.** (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2016 li jemenda l-Att dwar l-Armi, u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Armi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ. Kap. 480.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-Pulizija jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti jew għanijiet differenti ta' dan l-Att.

**2.** L-artikolu 34 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 34 tal-Att prinċipali.

(a) fil-proviso tiegħu, minflok il-kliem "u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 26 għandhom *mutatis mutandis* ikunu japplikaw." għandhom jidħlu l-kliem "u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 26 għandhom *mutatis mutandis* ikunu japplikaw:"; u

(b) minnufih wara l-proviso preżenti għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll il-Kummissarju jista' jawtorizza persuna

mhux residenti li tkun taħt l-età ta' sittax-il sena, iżda mhux taħt l-età ta' erbatax-il sena, sabiex tipprattika l-isparar fil-mira b'armi tal-arja biss jew minn arma tan-nar ta' tip differenti minn dik imsemmija fil-paragrafu (ċ) kif jista' jiġi preskritt b'regolamenti taħt dan l-Att. Tali sparar f'kamp tal-isparar liċenzjat huwa suġġett għal dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li l-Kummissarju jista' jidhirlu li jkunu adatti u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 26 għandhom *mutatis mutandis* japplikaw.".

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 384 tat-3 ta' Mejju, 2016.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

VERŻJONI ELETTRONIKA



I assent.

(L.S.) **MARIE-LOUISE COLEIRO PRECA**
**President**

6th May, 2016

## ACT No. XXII of 2016

*AN ACT to amend the Arms Act, Cap. 480.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:-

**1.** (1) The short title of this Act is the Arms (Amendment) Act, 2016, and this Act shall be read and construed as one with the Arms Act, hereinafter referred to as "the principal Act". Short title and commencement. Cap. 480.

(2) This Act shall come into force on such a date as the Minister responsible for the Police may by notice in the Gazette establish, and different dates may be so established for different provisions or different purposes of this Act.

**2.** Article 34 of the principal Act shall be amended as follows: Amendment of article 34 of the principal Act.

(a) in the proviso thereto, for the words "and the provisions of article 26 shall *mutatis mutandis* apply." there shall be substituted the words "and the provisions of article 26 shall *mutatis mutandis* apply:"; and

(b) immediately after the current proviso thereof, there shall be added the following new proviso:

"Provided further that the Commissioner may

VERŻJONI ELETTRONIKA



authorise a non-resident who is under the age of sixteen years but not under the age of fourteen years to practise target shooting with airguns only or by a firearm of a different kind referred to in paragraph (c) as may be prescribed by regulations under this Act. Such shooting on a licensed range is subject to such terms and conditions as the Commissioner may deem fit and the provisions of article 26 shall *mutatis mutandis* apply.".

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 384 of the 3rd May, 2016.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Clerk of the House of Representatives*

VERŻJONI ELETTRONIKA

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta —** ***Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata —** ***Printed at the Government Printing Press on recycled paper***

**Prezz/*Price***
**€0.36**